PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*
*Il-President*

21.3.2014

Is-Sinjura Amalia Sartori
President
Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/71/EURATOM li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (COM(2013)0715 – C7-0385/2013 – 2013/0340(NLE))

Għażiża,

B'ittra tal-21 ta' Frar 2014 inti tlabt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali skont l-Artikolu 37 tar-Regoli ta' Proċedura, biex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar kemm huwa xieraq li tinbidel il-bażi legali ta' proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/71/EURATOM li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari (COM(2013)0715).

**I. Sfond**

Fis-17 ta' Ottubru l-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/71/EURATOM li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza nukleari ta' installazzjonijiet nukleari. Il-proposta temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari[1]. Il-bażi legali tal-proposta hija l-Kapitolu 3 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u, b'mod partikolari, l-Artikoli 31 u 32 tiegħu.

[1] ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18.

L-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (rapporteur, Romana Jordan) huwa ppjanat għall-adozzjoni fil-Kumitat ITRE fit-18 ta' Marzu bil-ħsieb li jippermetti lill-Parlament jadotta l-pożizzjoni tiegħu fis-sessjoni plenarja ta' April. Ġew imressqa numru ta' emendi għall-abbozz ta' rapport li għandhom l-għan li jibdlu l-bażi legali tal-proposta billi r-riferiment għall-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat Euratom jiġi sostitwit b'riferiment għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u b'mod partikolari l-Artikoli 153,191 u 192 tiegħu bħala bażi legali għad-Direttiva.

B'ittra tal-21 ta' Frar 2014 il-President tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija talab l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali skont l-Artikolu 37 tar-Regoli ta' Proċedura dwar il-bażi legali korretta għad-direttiva proposta.

**II. Il-proposta**

Il-proposta tirreferi għall-inċident nukleari ta' Fukushima fil-Ġappun fl-2011 u l-attenzjoni ġdida li ngħatat mad-dinja kollha lil miżuri meħtieġa biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' inċidenti nukleari u titjieb is-sikurezza nukleari, kif ukoll l-'istress tests' imwettqa sabiex ikun hemm valutazzjonijiet komprensivi tar-riskju u s-sikurezza ta' impjanti ta' enerġija nukleari fl-Unjoni Ewropea.

L-elementi prinċipali tal-proposta huma kif ġej:

- L-iżgurar tal-prevenzjoni ta’ rilaxxi radjuattivi matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-instazzjonijiet nukleari (lokazzjoni, disinn, kostruzzjoni, armar, tħaddim, żarmar).

- Kriterji u rekwiżiti biex tiġi ggarantita l-indipendenza effettiva tar-regolaturi, inkluż li tiġi żgurata indipendenza effettiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet, allokazzjonijiet proprji xierqa tal-baġit u awtonomija fl-implimentazzjoni, rekwiżiti għall-ħatra u t-tkeċċija tal-persunal, l-evitar u s-soluzzjoni tal-kunflitti ta’ interess, u l-livelli ta’ persunal bil-kwalifiki, l-esperjenza u l-għarfien espert meħtieġa.

- Il-proposta tipprevedi li kemm l-awtorità regolatorja kompetenti kif ukoll id-detentur tal-liċenzja huma obbligati jiżviluppaw strateġija dwar it-trasparenza, li tkopri l-forniment ta' informazzjoni taħt kundizzjonijiet operattivi normali tal-installazzjonijiet nukleari kif ukoll il-komunikazzjoni fil-każ ta’ inċident jew kundizzjonijiet ta’ avveniment anormali. Ir-rwol tal-pubbliku huwa emfasizzat permezz tar-rekwiżit li jipparteċipa b’mod effettiv fil-proċess ta’ liċenzjar tal-installazzjonijiet nukleari.

- L-introduzzjoni ta' objettivi ġenerali ta' sikurezza għall-installazzjonijiet nukleari u l-istipular
ta' dispożizzjonijiet aktar dettaljati għal fażijiet ta’ ċiklu tal-ħajja differenti ta’ installazzjonijiet nukleari, inklużi rekwiżiti metodoloġiċi dwar il-lokazzjoni, id-disinn, il-kostruzzjoni, l-armar, it-tħaddim u ż-żarmar ta' installazzjonijiet nukleari.

- Huwa meħtieġ ċentru ta' rispons għall-emerġenza fuq is-sit għal installazzjoni nukleari, li jkun protett biżżejjed kontra l-effetti minn avvenimenti esterni u aċċidenti severi, inkluż dawk radjoloġiċi, u li għandu jkun mgħammar bil-materjal neċessarju sabiex itaffi l-effetti ta’

aċċidenti severi.

- Dispożizzjonijiet ġodda huma stabbiliti dwar l-awtovalutazzjonijiet u reviżjonijiet bejn il-pari ta' installazzjonijiet nukleari bbażati fuq temi tas-sikurezza nukleari magħżula mill-Istati Membri b'mod konġunt u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni.

**III. L-emendi għall-abbozz ta' rapport**

Qabel kollox hemm emendi mressqa għall-abbozz ta' rapport fl-ITRE li espliċitament għandhom l-għan li jbiddlu l-bażi legali tad-Direttiva proposta u l-karattru istituzzjonali tagħha. Għaldaqstant, L-emenda 33 minn Kathleen Van Brempt u Teresa Riera Madurell u l-emenda 34 minn Michèle Rivasi u Corinne Lepage għandhom il-ħsieb li jibdlu t-titolu tad-Direttiva minn Direttiva tal-Kunsill għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

B'mod konkret, l-emenda 35 mill-awturi msemmija l-ewwel għandha l-għan li tibdel il-bażi legali billi r-riferimenti magħmula fiċ-Ċitazzjoni 1 għall-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat Euratom jiġu sostitwiti b'riferiment għall-Artikoli 191 u 192 t-TFUE, filwaqt li l-emenda 36 għaċ-Ċitazzjoni 1 miż-żewġ awturi msemmija t-tieni tipproponi l-Artikoli 191, 192 u 153 bħala bażijiet legali għad-Direttiva. Wieħed jista' wkoll isemmi l-emenda 85 minn Bernd Lange, li tipproponi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala l-bażi legali xierqa għad-Direttiva.

Ġew imressqa emendi wkoll bil-ħsieb li l-proċedura tiġi adattata għall-adozzjoni tad-Direttiva biex jiġu sodisfatti l-bażijiet legali. Għaldaqstant, l-emendi 37 u 38 għaċ-Ċitazzjoni 2 iħassru r-riferiment għall-opinjoni ta' kumitat ta' esperti, nominati minn kumitat xjentifiku u tekniku fost esperti xjentifiċi tal-Istati Membri, li huwa rekwiżit obbligatorju skont it-Trattat Euratom, filwaqt li l-emenda 39 għaċĊitazzjoni 3 tirreferi għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-adozzjoni tad-Direttiva nnifisha.

Ġew imressqa emendi ulterjuri li jistgħu jinftiehmu bħala intenzjonati li jbiddlu l-kontenut tad-direttiva f'konformità mal-bażijiet legali alternattivi proposti. L-emendi 40 (premessa 4a ġdida) u 41 (premessa 4b ġdida) jirreferu għar-rekwiżiti ta' trasparenza u parteċipazzjoni pubblika tal-Konvenzjoni ta' Aarhus; f'din il-konvenzjoni l-Unjoni Ewropea hija parti iżda l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mhijiex.

L-emenda 42 għall-premessa 1 għandha l-għan li tbiddel id-definizzjoni tal-objettivi biex tikkorrispondi mal-emenda mill-istess awturi li qed jipprovaw jintroduċu l-artikoli tat-TFUE dwar l-ambjent bħala bażi legali għad-Direttiva. L-emenda tissostitwixxi r-riferiment fil-proposta għall-istabbiliment ta' normi ta' sikurezza għall-pubbliku u l-ħaddiema skont l-Artikolu 2(b) tat-Trattat Euratom b'riferiment għall-Artikolu 191 tat-TFUE u definizzjoni tal-objettivi tad-Direttiva li jikkorrispondu mal-objettivi tal-Artikolu 191 tat-TFUE.

B'mod simili, l-emenda 44 għall-premessa 2 tibbaża n-normi għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-pubbliku u l-ħaddiema fuq l-Artikolu 153 tat-TFUE. L-emenda 43 (premessa 1a ġdida) tista' tissemma wkoll, peress li titlob li l-enerġija nukleari tiġi trattata bħala sors ta' enerġija "fuq l-istess bażi bħal sorsi tal-enerġija oħra" skont it-TFUE.

Il-Membri li ressqu l-emendi li għandhom l-intenzjoni li jbiddlu l-bażi legali u d-definizzjoni tal-objettivi tad-Direttiva ressqu wkoll emendi għall-artikoli li jistgħu jiġu kkunsidrati li jappoġġjaw l-għażla tal-bażijiet legali alternattivi proposti. Fost dawn jistgħu jissemmew dawn li ġejjin:

- l-emenda 89 għall-Artikolu 1, paragrafu 1 - punt a (ġdid) tal-proposta, li tissostitwixxi t-terminoloġija tat-Trattat Euratom fir-rigward tal-iskop tad-Direttiva biż-żieda ta' riferiment għall-ambjent u bir-rekwiżit tal-protezzjoni tal-pubbliku, il-ħaddiema u l-ambjent minn kull "periklu" ta' radjazzjoni minn installazzjonijiet nukleari;

- l-emenda 132 għall-Artikolu 1, paragrafu 1 - point 9, li jesiġi konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus notevolment fir-rigward ta' parteċipazzjoni pubboika, u l-emendi 152 u 165 għall-Artikolu 1, paragrafu 1 - punt 10, li jissostitwixxu żewġ riferimenti għall-"arja, l-ilma u l-ħamrija" meħuda mit-Trattat Euratom b'riferiment għall-"ambjent";

- l-emenda 164 għall-Artikolu 1, paragrafu 1 - punt 10, biż-żieda ta' subparagrafu ġdid li jgħid li d-detenturi tal-liċenzji jkunu obbligati "jawtorizza(w), jippermett(u) u jippromwov(u)" l-parteċipazzjoni pubblika u ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi kkonċernati mis-sikurezza nukleari fl-attivitajiet meħtieġa ta' "tħejjija u r-rispons għall-emerġenza fuq il-post" u l-emenda 181 għall-Artikolu 1, paragrafu 1 - punt 11, li jipprevedi rwol ċentrali għall-organizzazzjonijiet governattivi fil-proċedura għall-għażla ta' temi speċifiċi konnessi mal-verifika tas-sikurezza ta' installazzjonijiet nukleari.

**VI. Il-bażijiet ġuridiċi proposti**

a) Il-bażi legali oriġinali tal-proposta

Il-proposta tal-Kummissjoni hija msejsa fuq l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat Euratom (Titolu II Kapitolu 3:  Protezzjoni tas-Saħħa), li jgħidu dan li ġej:

*Artikolu 31*
*Il-Kummissjoni għandha tipprepara n-normi bażiċi wara li tieħu l-opinjoni ta' grupp tal-awtoritajiet maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost l-esperti xjentifiċi, speċjalment esperti tas-saħħa pubblika, mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar in-normi bażiċi hekk imħejjija.*

*Wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill għandu, fuq proposta mill-Kummissjoni li tittrażmetti l-opinjonijiet li tkun irċeviet mill-Kumitati, jistabbilixxi n-normi bażiċi. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.*

*Artikolu 32*
*Fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, in-normi bażiċi jistgħu jiġu riveduti jew issupplimentati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31.*

*Il-Kummissjoni għandha teżamina kwalunkwe talba li jagħmel Stat Membru.*

In-normi bażiċi msemmija fl-Artikolu 31 huma ddefiniti fl-Artikolu 30 tat-Trattat Euratom, li

jgħid hekk:

*Artikolu 30*
*Għandhom ikunu stabbiliti fil-Komunità normi bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikoli li jinħolqu minn radjazzjoni jonizzanti.*

*Il-frażi "normi bażiċi" għandha tfisser:*
*(a) id-dożi massimi permissibbli kompatibbli ma' sikurezza adegwata;*
*(b) il-livelli massimi permissibbli ta' esponiment u kontaminazzjoni;*
*(c) il-prinċipji fundamentali li jirregolaw is-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema.*

<u>b) Il-bażijiet legali proposti fl-emendi</u>

L-emendi li għandhom l-għan li jibdlu l-bażi legali jipproponu l-Artikoli 191 u 192 tat-TFUE dwar il-protezzjoni tal-ambjent, kif ukoll l-Artikolu 153 dwar il-politika soċjali bħala bażijiet legali. Dawn l-artikoli jgħidu hekk:

*Artikolu 191*
*(ex Artikolu 174 TKE)*

*1. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu l-għanijiet li ġejjin:*
*— is-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent;*
*— il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem;*
*— l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali;*
*— il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jitrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima.*
*2. Il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tieħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Unjoni. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tissewwa f'ras il-għajn u li min iniġġes għandu jħallas.*
*F'dan il-kuntest, il-miżuri ta'armonizzazzjoni li jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' protezzjoni ambjentali għandhom jinkludu, fejn xieraq, klawsola ta' salvagwardja li tħalli l-Istati Membri li jieħdu miżuri provviżorji għal raġunijiet ambjentali non-ekonomiċi, suġġett għall-proċedura ta' monitoraġġ mill-Unjoni.*
*3. Fil-preparazzjoni tagħha tal-politika dwar l-ambjent, l-Unjoni għandha tieħu in konsiderazzjoni:*
*— dati xjentifiċi u tekniċi eżistenti,*
*— il-kondizzjonijiet ambjentali fir-reġjuni differenti tal-Unjoni;*
*— il-vantaġġi u l-piżijiet li jistgħu jirriżultaw minn azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni;*
*— l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Unjoni inġenerali u l-iżvilupp bilanċjat tar-reġjuni tagħha.*
*4. Fil-qafas tal-isferi ta' kompetenza rispettiva tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' pajjiżi terzi u mal-organizazzjonijiet internazzjonali kompetenti. L-arranġamenti dwar il-kooperazzjoni tal-Unjoni jistgħu jkunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Unjoni u t-terzi involuti.*

*Is-subparagrafu preċedenti m'għandux jippreġudika l-kompetenza tal-Istati Membri li jinnegozjaw f'korpi internazzjonali u li jikkonkludu ftehim internazzjonali.*

*Artikolu 192*
*(ex Artikolu 175 TKE)*

*1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jiddeċiedu liema azzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni sabiex twettaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 191.*
*2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jiddeċiedu liema azzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni sabiex twettaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 191.*
*(a) dispożizzjonijiet essenzjalment ta' natura fiskali;*
*(b) miżuri li jaffettwaw:*
*— l-ippjanar tal-art;*
*— l-immaniġġjar kwantitattiv tar-riżorsi tal-ilma, jew dak kollu li jaffettwa, direttament jew indirettament, id-disponibbiltà ta' dawn ir-riżorsi;*
*— l-użu tal-art, bl-eċċezzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart*
*(c) miżuri li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-għażla ta' Stat Membru bejn fonti differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija.*
*Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni, jista' jagħmel il-proċedura leġiżlattiva ordinarja applikabbli għall-oqsma previsti fl-ewwel subparagrafu.*
*3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jadottaw programmi ta' azzjoni ġenerali li jistabbilixxu objettivi prijoritarji li għandhom jitwettqu.*
*Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi għandhom jiġu adottati skond il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 1 jew 2, skond il-każ.*
*4. Mingħajr preġudizzju għal ċerti miżuri adottati mill-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw u jimplimentaw il-politika dwar l-ambjent.*
*5. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li min iniġġes iħallas, jekk miżura li tkun ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tirrekjedi spejjeż li jitqiesu sproporzjonati għall-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru, din il-miżura għandha tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet approprijati fl-għamla ta':*
*— derogi temporanji u/jew*
*— appoġġ finanzjarju mill-Fond ta' Koeżjoni stabbilit skond l-Artikolu 177.*

*Artikolu 153*
*(ex Artikolu 137 TKE)*

*1. Bl-għan li jinkisbu l-għanijiet tal-Artikolu 151, l-Unjoni għandha ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma:*
*(a) it-titjib in partikolari tal-ambjent tax-xogħol sabiex jitħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;*
*(b) il-kundizzjonijiet tax-xogħol;*

*(c) is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema;*
*(d) il-protezzjoni tal-ħaddiema f'każ li jintemmilhom il-kuntratt tal-impjieg;*
*(e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema;*
*(f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u s-sidien, inkluża t-tmexxija konġunta, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5;*
*(g) il-kondizzjonijiet tal-impjieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment fit-territorju tal-Unjoni;*
*(h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, bla preġudizzju għall-Artikolu 166;*
*(i) l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa rigward l-opportunitajiet u t-trattament fis-suq tax-xogħol;*
*(j) il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali;*
*(k) il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali bla preġudizzju għall-punt c).*
*2. Għal dan l-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill:*
*(a) jistgħu jadottaw miżuri intiżi sabiex iħajru kooperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta' inizjattivi mmirati sabiex jameljoraw l-għarfien, jiżviluppaw skambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki, jippromwovu affronti innovattivi u jivvalutaw l-esperjenzi, b'esklużjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-Istati Membri;*
*(b) jistgħu jadottaw fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (i), permezz ta' direttivi, rekwiżiti minimi applikabbli progressivament, meħud qies tal-kondizzjonijiet tekniċi li jkunu jinsabu f'kull wieħed mill-Istati Membri. Tali Direttivi għandhom jevitaw l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżomm lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.*
*Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, għandhom jaġixxu skond il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni.*
*Fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1 c), d), f) u g), il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura leġiżlattiva speċjali, b' mod unanimu, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitati msemmija.*
*Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew, jista' jiddeċiedi li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tkun applikabbli għall-paragrafu l d), f) u g).*
*3. Stat Membru jista' jafda f'idejn il-partijiet soċjali, fuq talba konġunta, l-implimentazzjoni tad-direttivi adottati skont il-paragrafu 2 jew, jekk ikun xieraq, l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill adottata skond l-Artikolu 155.*
*F'dan il-każ għandu jiżgura li, mhux aktar tard mid-data li fiha d-direttiva jew deċiżjoni għandha tiġi trasposta jew implimentata, il-partijiet soċjali jkunu introduċew bi ftehim il-miżuri meħtieġa waqt li l-Istat Membru jkun obbligat jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex ikun jista' f'kull ħin ikun f'pożizzjoni li jiggarantixxi r-riżultati imposti b'dik id-direttiva jew dik id-deċiżjoni.*
*4. Id-dispożizzjonijiet adottatti skond dan l-Artikolu:*
*— m'għandhomx jaffettwaw id-dritt ta' Stati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fondamentali tas-sistemi tagħhom ta' sigurtà soċjali u m'għandhomx jaffettwaw b'mod sinjifikattiv l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom;*
*— ma jipprekludu ebda Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri iktar stretti ta' protezzjoni kompatibbli mat-Trattati.*
*5. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu la japplikaw għall-pagi, la għad-dritt ta' assoċjazzjoni, la għad-dritt tal-istrajk u lanqas għad-dritt li jiġi mpost lock-out.*

**V. Il-ġurisprudenza**

Hija ġurisprudenza stabbilita li l-għażla tal-bażi legali għal miżura tal-Unjoni trid tibbaża ruħha fuq elementi oġġettivi suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, li jinkludu b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura[1]. Fattturi soġġettiva, bħall-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv intenzjonat, mhumiex relevanti f'dan ir-rigward. [2]
Bħala regola ġenerali, miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda biss. Bażi legali doppja tista' tintuża biss jekk miżura jkollha simultanjament għadd ta' objettivi jew ikollha bosta komponenti marbutin, mingħajr ma l-ebda wieħed minnhom ikun sekondarju jew indirett b'rabta mal-ieħor[3], bil-kundizzjoni li l-proċeduri stabbiliti għal kull bażi legali ma jkunux inkompatibbli[4].

**VI. Analiżi tal-proposta u l-emendi mressqa għaliha**

a) il-proposta

Kif is-Servizz Legali tal-Parlament jinnota fl-opinjoni tiegħu, il-kwistjoni tal-bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni tqajmet fuq l-inizjattiva proprja tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali waqt il-proċedura għall-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/EURATOM. F'dak iż-żmien is-Servizz Legali, f'nota datata l-10 ta' Frar 2009, ikkonkluda li l-Artikoli 31 u 32 tat-Trattat Euratom kienu l-bażi legali xierqa għall-proposta. Fil-laqgħa tiegħu tat-31 ta' Marzu 2009, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda, bi 13-il vot favur, 6 kontra u l-ebda astensjoni, li jirrakkomanda dik l-istess konklużjoni.

Is-Servizz Legali jikkonkludi li m'hemm "l-ebda element li jsejjaħ għal bidla tal-bażi legali, peress li l-għan għadu marbut ma' titjib fis-sikurezza nukleari". Is-Servizzi Legali jirreferu wkoll għas-sentenzi fil-Kawża C-70/88[5], fejn il-Qorti qalet li l-iskop ta' dawk l-artikoli kien li tiġi żgurata protezzjoni konsistenti u effettiva tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jqumu mir-radjazzjonijiet jonizzanti, ikun xi jkun is-sors tagħhom, u l-kawża C-29/99[6], li kkonċernat id-dħul tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fil-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari.

Madankollu, xorta waħda huwa utli li jiġi nnutat li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona ġab xi tibdil fir-relazzjoni bejn it-Trattat Euratom u t-Trattati tal-Unjoni, partikolarment l-abolizzjoni tal-Artikolu 305 tat-Trattat KE, li jgħid li t-Trattat KE kellu jkun "mingħajr preġudizzju" għat-Trattat Euratom u l-introduzzjoni tal-Artikolu 106(a) fit-Trattat Euratom, li jiddikjara li t-Trattati tal-Unjoni "ma jistgħux jidderogaw" mit-Trattat Euratom, filwaqt li jelenka numru ta' artikli tat-TUE u t-TFUE li japplikaw għat-Trattat EA.

Il-konsegwenzi tal-introduzzjoni tal-Artikolu 194 tat-TFUE dwar l-enerġija kien suġġett ta' azzjoni li l-Parlament ħa kontra l-Kunsill, li fiha l-Qorti kkonkludiet li l-leġiżlazzjoni proposta kellha tkun ibbażata fuq dak l-artikolu u mhux fuq l-Artikolu 337 tat-TFUE u l-Artikolu 187

[1] Kawża C-440/05 *Il-Kummissjoni* vs *il-Kunsill* [2007] Ġabra I-9097.
[2] Ara, pereżempju, il-Kawża C-411/06 *il-Kummissjoni* vs *il-Parlament u l-Kunsill* [2009] Ġabra I-7585, par. 45 u l-ġurisprudenza ċċitata fiha.
[3] Kawża C–411/06 *Il-Kummissjoni* vs *il-Parlament u l-Kunsill*, [2009] Ġabra I–07585, par. 47.
[4] Kawża C-300/89 *il-Kummissjoni* vs *il-Kunsill* ("Dijossidu tat-Titanju") [1991] Ġabra I-2867, par. 17-25.
[5] *Il-Parlament* vs *il-Kunsill* [1991] Ġabra I-4529, par. 14.
[6] *Il-Kummissjoni* vs *Il-Kunsill* [2002] Ġabra I-11221

Euratom.[1]

Ir-relazzjoni bejn, minn naħa waħda, id-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sikurezza fit-Trattat Euratom u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet dwar l-ambjent fit-TFUE kienet ukoll is-suġġett ta' opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legal, li fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Novembru 2012 iddeċieda, bi 22 vot favur, wieħed kontra u l-ebda astenzjoni, li jirrakkomanda li l-bażi legali xierqa għall proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li titabbilixi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandha tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

Madankollu, għandu jiġi nnutat li dawk iż-żewġ każijiet huma differenti minn dak inkwistjoni. Fl-ewwel każ, il-kwistjoni kienet essenzjalment dwar ir-relazzjoni bejn it-Trattat Euratom u l-Artikolu l-ġdid 194 dwar l-enerġija, introdott it-Trattat ta' Lisbona. Fit-tieni każ kienet ġiet adottata leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi inkwinanti fl-ilma maħsub għall-konsum tal-bniedem u d-Direttiva proposta kellha l-għan li tinkludi t-tniġġis minn sustanzi radjuattivi f'dak il-qafas.

Peress li l-proposta preżenti temenda direttiva eżistenti fuq il-bażi tal-Artikoli 31 u 32 Euratom għandu jiġi konkluż li l-proposta, bħala tali, ġiet ibbażata korrettament fuq l-istess artikoli. Il-bażi legali tal-proposta tista', għalhekk, titpoġġa fid-dubju jekk il-bidliet proposti li għandhom isiru mill-Parlament jibdlu l-objettiv u l-iskop tal-proposta sa tali punt li bażi legali alternattiva tkun ġustifikata.

<u>b) L-emendi</u>

Huwa ċar mill-ġurisprudenza msemmija hawn fuq li s-sempliċi xewqa li l-bażi legali tinbidel mhuwiex suffiċjenti bħala ġustifikazzjoni għal tali bidla. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi nnutat li b'żieda ma' emendi li direttament għandhom l-għan li jbiddlu l-bażi legali jew li jikkonċernaw il-kwalifika istituzzjonali tad-Direttiva proposta jew in-normi proċedurali għall-adozzjoni tagħha, tressqu emendi wkoll li għandhom il-ħsieb li jibdlu d-definizzjoni tal-objettivi tad-Direttiva.

Jekk l-ewwel jiġu kkunsidrati l-emendi bil-ħsieb li jintroduċu l-Artikoli 191 u 192 tat-TFUE bħala l-bażi legali, huwa xieraq li tiġi nnutata l-emenda 42 għall-premessa 1, peress li l-intenzjoni tagħha hija li tibdel id-definizzjoni tal-objettivi tal-proposta biex tikkorrispondi mal-objettivi tal-Artikolu 191 tat-TFUE.

L-emendi li għandhom l-għan li jissoġġettaw id-Direttiva għall-Konvenzjoni ta' Aarhus u r-rekwiżit ta' aċċess għall-informazzjoni u d-dritt għall-parteċipazzjoni pubblika taħt dik il-Konvenzjoni u f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE adottata għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' min jiġu kkunsidrati wkoll. F'dan il-kuntest, il-fatt jista' jkun ħaqqu kunsiderazzjoni li, filwaqt li l-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika mhijiex, peress li dan jidher li jqajjem mistoqsijiet dwar il-kompatibilità ta' dawn id-dispożizzjonijiet mal-bażi legali fit-Trattat

[1] Ara l-kawża C‑490/10, *Il-Parlament Ewropew* vs *il-Kunsill,* sentenza tas-6 ta' Settembru 2012. Il-Kunsill kien appoġġjat mir-Repubblika Franċiża u l-Kummissjoni Ewropea.

Euratom.

Fir-rigward tal-proposta għal bażi legali doppja, il-kombinazzjoni tal-Artikoli 191 u 192 tat-TFUE mal-Artikolu 153 tat-TFUE, għandu jiġi nnutat li ġew introdotti inqas elementi fil-kontenut tad-Direttiva proposta milli fil-każijiet tal-Artikoli 191 u 192 waħedhom. Meta wieħed iżomm f'moħħu li bażi legali multipla għandha tintuża biss meta jiġu segwiti objettivi distinti, li l-ebda waħdaminnhom ma tkun dominanti b'mod ċar, u li l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem hija diġà inkluża fost l-objettivi stipulati fl-Artikolu 191 tat-TFUE, ma jidhirx li huwa ġustifkat li l-Artikolu 153 jitqies bħala bażi legali potenzjali.
Minħabba l-mument partikolari tal-votazzjoni fil-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,[1] kwalunkwe konklużjoni fir-rigward tal-impatt tal-emendi mressqa għall-proposta għandha, b'neċessità, tkun ipotetika u bbażata fuq il-preżunzjoni li se jiġu adottati.

Meta wieħed iqis li l-emendi jmorru lil hinn milli sempliċement jitolbu tibdil fil-bażi legali iżda li għandhom l-għan li jibdlu l-objettivi tad-Direttiva proposta bil-ħsieb li tiġi allinjata mal-protezzjoni tal-ambjent skont it-TFUE u, b'mod partikolari, li miżuri ta' sikurezza nukleari jiġu soġġetti għar-rekwiżiti ta' aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni pubbblika skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, huwa ċar, xorta waħda, li l-awturi tal-emendi kellhom l-għan li jibdlu n-natura tad-Direttiva proposta.

Madankollu, dan ma jfissirx neċessarjament li l-emendi effettivament ibiddlu l-iskop bażiku u n-natura tal-att legali inkwistjoni sal-punt li tiġi ġġustifikata l-kunsiderazzjoni tal-Artikoli 191 u 192 bħala bażijiet legali. Inkella, il-prinċipju tal-prijorità ta' *lex specialis* iwassal sabiex l-Artikoli 31 u 32 Euratom jiġu kkunsidrati bħala bażi legali.

Ta' min wieħed ifakkar li bażi legali multipla hija biss possibbli meta dawn ikunu proċeduralment kompatibbli. Għalhekk, ma jkunx possibbli li l-Artikoli 31 u 32 Euratom jiġu kkombinati mal-Artikoli 191 u 192 tat-TFUE, peress li taħt l-ewwel waħda l-Parlament jiġi kkonsultat biss, filwaqt li taħt tal-aħħar l-adozzjoni ssir f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.
Jidher li l-emendi mressqa għall-abbozz ta' rapport fl-ITRE, li għandhom l-għan li jibdlu l-bażi legali tad-Direttiva proposta u li jallinjawha ma' leġiżlazzjoni oħra fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali, ġew miċħuda fil-votazzjoni fil-kumitat. Dan ma jagħmilx neċessarjament l-opinjoni fuq il-bażi legali mill-JURI irrelevanti, għaliex skont l-Artikolu 37 emendi li għandhom l-iskop li jibdlu l-bażi legali jistgħu jitressqu fil-plenarja jekk il-kumitat responsabbli jew il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jkunu kkontestaw il-bażi legali tal-proposta.

## VII. Konklużjoni

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali vvota kontra l-proposta li tinbidel il-bażi legali gaħll-Artikoli 191 u 192 tat-TFUE bi 8 voti favur, 12 kontra u l-ebda astensjoni[2]. B'mod

[1] ITRE ivvota fit-18 ta' Marzu 2014.
[2] Dawn kienu preżenti: Paolo Bartolozzi, Luigi Berlinguer, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Richard Howitt, Sajjad Karim, Annette Koewius, Eva Lichtenberger, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Evelyn Regner (Aġent

korrispondenti, il-bażi legali oriġinali kif proposta mill-Kummissjoni tal-Artikolu 31 u 32 Euratom tibqa' kif inhi.

Dejjem tiegħek,

Evelyn Regner

President), Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Axel Voss, Rainer Wieland, Cecilia Wikström.